MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2014

Mandat Numru. 447/2014/1

**Illum l-25 ta' Gunju, 2014.**

**Rikors Numru 447/2014 SM**

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**(C 3177)**

**vs**

**Carmen Portelli bint Joseph Portelli u Doris nee Bonello**

**u qabel Carmen Farrugia mart Aldo imwielda Pieta` u**

**residenti Rabat Malta (I.D. 109473 M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat il-21 ta’ Marzu, 2014, li permezz tieghu is-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1 Illi biex tikkawtela l-kreditu taghha fil-konfront tal-intimati fuq riferiti qed titlob il-hrug ta’ mandat t’inibizzjoni fil-konfront tal-istess intimati;

1.2 Illi l-iskop ghall-istess hu li l-imsemmija intimati jinzammu milli jbieghu, inehhu, jitrasferixxu jew jiddisponu *inter vivos* kemm b’titolu oneruz jew gratuwitu, personali jew reali, jew kull privilegg u/jew ipoteka, u/jew jaghmel xi haga li tista` tohloq privilegg u/jew ipoteka fuq il-proprjeta` tal-intimata kif indikata fl-istess rikors promotur fuq indikat, (ara foll 1);

1.3 Illi in vista tal-premess il-bank rikorrenti ghalhekk talab li jinhareg il-mandat t’inibizzjoni in dizamina kontra l-intimata fuq riferita u dan:

1.3.1. Ghall-kreditu ta’ tlett mija hamsa u disghin elf, disa` mija u tlieta u disghin Ewro u tmienja u erbghin centezmu, (€395,993.48), oltre l-imghaxijiet ulterjuri mill-21 ta’ Jannar, 2014, sad-data tal-effettiv pagament;

1.3.2. Bl-ispejjez ta’ din il-procedura;

2. Regghet rat id-digriet precedenti taghha datat il-21 ta' Marzu, 2014, li permezz tieghu wara li laqghet it-talba tal-bank rikorrenti provizorjament, appuntat l-istess rikors ghas-smiegh skont il-ligi fid-data u hin hemm indikati, (ara foll 1 u 5);

3. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

4. Tirrileva li ghalkemm l-intimata giet debitament notifikata skont il-ligi bil-procedura tal-pubblikazzjoni, baqghet fi stat ta' kontumacja;

5. Ezaminat ir-rikors ulterjuri tal-bank rikorrenti datat it-12 ta' Mejju, 2014, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm indikati, talab il-hrug tal-opportun kontromandat ghall-porzjonijiet art hemm indikati, (ara foll 29)

6. Tirrileva li r-rikors indikat fil-paragrafu precedenti gie debitament akkordat fit-13 ta' Mejju, 2014, (ara wkoll foll 29);

7. Semghet lill-abbli rapprezentant legali tal-bank rikorrenti;

Ikkunsidrat:

8. Illi mill-ezami tad-dokumenti esposti mill-bank rikorrenti u mit-trattazzjoni orali fuq riferita, ma jirrizultax li hemm xi raguni ghaliex m'ghandiex tilqa` it-talba tal-bank rikorrenti stante li jirrizulta li tezisti l-possibilta` reali li l-istess bank jista` jigi pregudikat bl-azzjoni inkonsulta tal-intimata kif fuq deskritta;

9. Illi hi wkoll sodisfatta li l-intimata hi garanti tas-socjeta` *Pirella Supermarkets Limited* kif indikat fl-istess rikors in dizamina;

**DECIDE:**

10.0. Illi ghaldaqstant, stante li jirrizulta assodat li t-talba tal-bank rikorrenti timmerita li tigi akkolta skont il-ligi:

10.1. Takkolji t-talbiet kollha tal-bank rikorrenti kif korretta in segwitu ghar-rikors tat-12 ta’ Mejju, 2014, fuq gia` riferit;

10.2. Tiddikjara ghalhekk li qed tvarja *contrario imperio* d-digriet precedenti taghha tal-21 ta’ Marzu, 2014, fuq ukoll gia` riferit, billi tiddikjara l-istess mandat t’inibizzjoni kif issa korret ikun wiehed permanenti;

10.3. Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra l-intimata.

---

Onor. Imhallef Silvio Meli

**Decizjoni Finali**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------